**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

**Direttorat għat Trattament Xieraq tal-Annimali**

**AHWD/AW/66/2024: Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għall-Parteċipazzjoni ta' Fornituri tal-Għalf Biex Jissupplixxu Għalf tal-Qtates Niexef lil Dawk Reġistrati li Jitimgħu l-Qtates**

Id-Direttorat għat Trattament Xieraq tal-Annimali (AWD), fi ħdan Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), qed joħroġ sejħa għal espressjoni ta' interess għall-parteċipazzjoni ta' fornituri tal-għalf tal-annimali biex jissupplixxu għalf tal- qtates niexef lil dawk reġistrati li jitimgħu l-qtates

Hemm għarfien dwar il-ħtieġa li jiġu megħjuna dawk reġistrati li jitimgħu l-qtates u l-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), f'isem il-Gvern jirrikonoxxi u huwa lest li jimpenja ruħu li jgħin u jappoġġja lill- dawk reġistrati li jitimgħu l-qtates. Fi sforz biex isostni dawk reġistrati li jitimgħu l-qtates, il-Gvern Malti, permezz tal-AWD nieda *Cat Feeders Scheme*. Għal din l-iskema l-Kunsilli Lokali se jqassmu l-vawċers lil dawk reġistrati li jitimgħu l-qtates, li jistgħu jiġu skambjati għal għalf niexef tal-qtates. Il-vawċers se jinħarġu f'valuri ta' Euro €50. Il-fornituri tal-għalf interessati li jipparteċipaw fl-iskema se jkunu jistgħu jaċċettaw dawn il-vawċers u jiġu rimborżati skont dan mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Huma biss dawk il-fornaturi tal-għalf tal-annimali li jipparteċipaw f'din l-espressjoni t' interess li se jkunu eliġibbli biex jiġu rimborżati għall-vawċers. Il-valur totali ta' din l-iskema huwa ta' €350,000 u l-vawċers se jkunu jistgħu jinfdew sat-30 ta' Ottubru 2024.

Il-fornaturi tal-għalf tal-annimali li jixtiequ jipparteċipaw huma mistiedna jissottomettu l-konferma tagħhom biex jaċċettaw il-vawċers biex jipprovdu l-għalf tal-qtates. Billi jesprimu interess li jipparteċipaw fl-Iskema, il-fornaturi tal-għalf se jkunu qed jikkonfermaw :

1. Ir-rieda li jiġu aċċettati vawċers li se jiġu ppreżentati minn dawk reġistrati li jitimgħu l-qtates matul l-2024;
2. Ir-rieda li tintuża kwalunkwe applikazzjoni ta' softwer indikata mill-AWD sabiex jittellgħu l-vawċers ippreżentati minn dawk reġistrati li jitimgħu l-qtates għal finijiet ta' awditjar u verifika; u
3. It-talba tal-vawċers fuq il-pjattaforma ta' verifika rilevanti lill-AWD f'perjodi ta' żmien speċifikati;
4. L-għalf skambjat għall-vawċers għandu jiġi prodott mill-operaturi tan-negozju tal-għalf li huma irreġistrati jew approvati fl-Unjoni Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-iġene tal-għalf;

5. L-għalf għandu jkun ikel niexef għall-qtates kkummerċjalizzat u bit-tikketta skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-għalf jew ir-Regolament (UE) 2023/2419 dwar it-tikkettar tal-ikel organiku għall-annimali domestiċi;
6. It-tip ta' għalf niexef kompost tal-qtates li mniżżel hawn taħt biss jista' jiġi skambjat għall-vawċers:

   a) **għalf komplet:** għalf kompost li, minħabba l-kompożizzjoni tiegħu, huwa biżżejjed għal razzjon ta' kuljum;
   b) **għalf kumplementari**: tfisser għalf kompost li għandu kontenut għoli ta' ċerti sustanzi iżda li, minħabba l-kompożizzjoni tiegħu, huwa biżżejjed għal razzjon ta' kuljum biss jekk jintuża flimkien ma' għalf ieħor;
   c) **għalf maħsub għal skopijiet nutrittivi partikolari:** tfisser għalf li jista' jissodisfa għan nutrittiv partikolari minħabba l-kompożizzjoni jew il-metodu partikolari li bih jiġi mmanifatturat, li jiddistingwih b'mod ċar mill-għalf ordinarju. L-għalf maħsub għal għanijiet nutrittivi partikolari ma jinkludix għalf medikat skont it-tifsira tad-Direttiva 90/167/KEE;

Il-parteċipazzjoni fl-iskema se tkun fuq bażi volontarja. Il-parteċipant għandu jiġi kkonfermat permezz ta' emejl ta' ritorn. It-taħriġ u l-linji gwida dwar l-użu tas-sistema tat-tlugħ għall-vawċers se jiġu pprovduti mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Il-fornituri bl-imnut tal-għalf interessati jistgħu jirreġistraw l-interess tagħhom billi jimlew il-formola hawn taħt u billi jibagħtu permezz tal-email fuq il-awschemes.mafa@gov.mt sa mhux aktar tard mill-12 ta’ Lulju 2024. F'każ ta' xi mistoqsijiet, tista' tikkuntattja lid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali permezz ta' emejl mibgħuta lill awschemes.mafa@gov.mt

| **Formola ta' Identifikazzjoni Finanzjarja għall-Parteċipazzjoni fl-Iskema tal-*Cat Feeders*** | |
|---|---|
| **Isem tal-fornitur tal-għalf:** | |
| **Numru tal-VAT:** | **Numri Tel/Mob:** |
| **Indirizz:** | |
| | |
| **Indirizz elettroniku:** | |
| **Numru tal-IBAN:** | |